ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

ID-DISA' SENA IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) IL-ĦIN: Sagħtejn

L-Isem: _____ Il-Klassi: _____

Għall-istudent/a:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

Għall-għalliema:

Il-MARKI	**It-Taħdit**	**10**	
	Il-Fehim mis-Smigħ	**10**	
	Il-Qari u l-Kitba	**80**	
	IT-TOTAL	**100**	

Taqsima	**1A**	**1B**	**1Ċ**	**1D**	**1E**	**2A**	**2B**	**2Ċ**	**TOTAL**
Marka	**10**	**4**	**8**	**8**	**20**	**10**	**10**	**10**	**80**
Marka tal-Istudent/a									

Kummenti:

_____

_____

_____

_____

L-EWWEL TAQSIMA: IL-LINGWA (50 MARKA)

Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.

Il-Bużaqq

Il-Bużaqq li bl-Ingliż insejħulu Killifish, intgħażel bħala l-ħuta nazzjonali ta' Malta fl-2018. Din il-ħuta tissejjaħ ukoll Mediterranean Killifish. Peress li ma tittikilx, din il-ħuta ma tantx hi magħrufa mal-pubbliku. L-isem xjentifiku għall-Bużaqq huwa: *Aphanius fasciatus* li jfisser inviżibbli u bl-istrixxi. L-isem bil-Malti Bużaqq ġej mill-Għarbi u jfisser il-missier tal-ixkora. (*par. 1*)

L-ispeċi maskili għandhom denbhom safrani ċar jew safrani fl-oranġjo. Għandhom ukoll bejn 8 u 15-il strixxa ta' lewn ikħal skur li jagħti fil-griż fuq sfond kulur il-fidda. Hemm każi fejn ċertu gruppi jkollhom **strixxa addizzjonali**, wiesgħa u skura. Normalment, dawn l-istrixxi jkunu f'forma regolari. L-ispeċi femminili għandhom bejn 11 u 17-il strixxa qasira ta' lewn kannella skur fuq il-ġnub, fuq sfond ta' strixxa mimduda ta' kulur griż ċar. Ġeneralment, it-tul tagħhom ilaħħaq bejn il-50 u l-55mm. (*par. 2*)

Din l-ispeċi hija mifruxa mal-Mediterran Ċentrali u tal-Lvant. Tinsab ukoll fil-gżejjer ta' Sardinja, Korsika, Sqallija u Malta. F'Malta, din l-ispeċi tinsab fi nħawi limitati u speċifiċi fejn hemm il-preżenza ta' ilma salmastru, jiġifieri ilma ħelu mħallat mal-ilma baħar, bħal fis-Salina u fir-riserva naturali tal-Għadira, fil-Magħluq ta' Marsaskala u f'postijiet oħra. Dan l-aħħar ġiet identifikata wkoll **fil-bokka tal-kanal** taċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa. Il-Bużaqq għandha l-kapaċità li taddatta malajr għal tipi t'ilma differenti, kemm dak ħelu u kif ukoll dak b'livell għoli ta' salinità. F'Malta din tinsab l-aktar f'postijiet li għandhom ilma salmastru. (*par. 3*)

Din l-ispeċi hi protetta fuq livell Ewropew, u għaldaqstant, hija protetta wkoll fil-Gżejjer Maltin. Fl-2015 ġie varat proġett ta' riġenerazzjoni sabiex il-preservazzjoni ta' din l-ispeċi tiġi mħarsa. B'hekk, il-ħarsien tal-abitat ristrett fejn tgħix huwa importanti ferm għall-preservazzjoni ta' din l-ispeċi. (*par. 4*)

(Addattament mis-sensiela *Flora u Fawna tal-Gżejjer Maltin: Il-Bużaqq* ta' Heritage Malta, 2021)

1A. Fehim it-Test

10 marki

Wieġeb il-mistoqsijiet fuq li għadek kemm qrajt.

1. Meta ntgħażel bħala l-ħuta nazzjonali l-Bużaqq?

   _____

   _____ (marka)

2. Xi jfisser l-isem Bużaqq?

   _____

   _____ (marka)

3. Semmi **żewġ** affarijiet li juruna li huwa Bużaqq maskili.

   i. _____ (marka)

   ii. _____ (marka)

4. Semmi **żewġ** gżejjer fejn jista' jinstab il-Bużaqq.

   i. _____ (marka)

   ii. _____ (marka)

5. X'inhu ilma salmastru?

   _____

   _____ (marka)

6. Fejn ġie identifikat dan l-aħħar il-Bużaqq?

   _____

   _____ (marka)

7. Xi jrid ifisser l-awtur meta jgħid li l-Bużaqq hija speċi protetta?

   _____

   _____ (2 marki)

1B. Għarfien il-Lingwa

4 marki

1. Fisser dawn il-frażijiet skont kif użati fis-silta:

   i. "strixxa addizzjonali":

   _____ (marka)

   ii. "fil-bokka tal-kanal":

   _____ (marka)

2. Mis-silta sib il-kelma li tfisser:

   i. "ma jidhirx" (*par. 1*): _____ (marka)

   ii. "jinżamm kif inhu" (*par. 4*): _____ (marka)

1Ċ. Il-Grammatika

__
8 marki

Aqra din is-silta.

45 persuna nqabdu barra ajruport fl-Italja wara li ġie mħabbar strike tal-aħħar minuta. Il-linji tal-ajru milquta qalu li l-passiġġiera kollha ser jingħataw l-opportunità li jaqbdu l-ewwel vjaġġ possibbli lura lejn pajjiżhom. Il-ħaddiema tal-ajruport qed jinsistu li mhux se jidħlu lura għax-xogħol sakemm ma jkunx hemm ftehim ġdid li jiggarantilhom paga aħjar. Għaldaqstant għada ser tissejjaħ laqgħa biex jiltaqgħu dawk kollha kkonċernati.

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

1	Ikteb *45* fi kliem.	_____
2	Mis-silta sib prepożizzjoni magħquda mal-artiklu.	_____
3	Mill-ewwel sentenza sib verb tas-7 forma.	_____
4	Sib il-partiċipju passiv minn din is-sentenza: *Il-linji tal-ajru milquta qalu li l-passiġġiera kollha ...*	_____
5	Agħti l-għerq tal-verb *jaqbdu.*	_____
6	Mis-silta sib partiċipju attiv.	_____
7	Poġġi din il-frażi fin-negattiv: ... *biex jiltaqgħu dawk kollha kkonċernati.*	_____
8	Mill-aħħar sentenza sib verb tat-8 forma.	_____

1D. Il-Kitba Komunikattiva

8 marki

IL-KITBA TA' DESKRIZZJONI TA' FESTA JEW ĊERIMONJA

Agħżel WIEĦED minn (i) jew (ii) u ikteb fil-linji pprovduti.

i. Għadek kif attendejt għaċ-ċerimonja tal-premjazzjoni tal-iskola. F'madwar **50 u 70 kelma** ddeskrivi dak li rajt u dak li ġara waqt din iċ-ċerimonja.

JEW

ii. Għadek kemm żort il-festa tar-raħal tiegħek. F'madwar **50 u 70 kelma** ddeskrivi dak li rajt u dak li ġara waqt il-festa.

Ikteb x'għażilt: ___

1E. Il-Komponiment

___
20 marka

Ikteb madwar 150-180 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti fuq il-linji pprovduti.

1. **Iddeskrivi** ġurnata xita.

   (L-għan ta' dan il-komponiment hu li tiddeskrivi. Kif ikun is-sema? Kif isiru t-toroq? Kif tħossok meta tagħmel ġurnata sħiħa xita? Kif iġibu ruħhom l-annimali u n-nies meta tagħmel ix-xita? Int x'tieħu gost tagħmel l-iktar meta tkun ix-xita? Kif tqatta' l-ħin tiegħek jekk tibqa' ġewwa? X'jogħġbok jew ma jogħġbokx minn ġuranta bix-xita?)

2. Meta rbaħt il-lotterija. **Irrakkonta**.

   (L-għan ta' dan il-komponiment hu li toħloq rakkont. Meta xtrajt il-biljett tal-lotterija u għaliex xtrajtu? Fejn kont u ma' min kont meta sirt taf li rbaħt? Kif ħassejtek? Minn fejn mort tiġbor il-flus? Din ir-rebħa kif affettwat ir-relazzjoni tiegħek ma' ta' madwarek? X'għamilt bil-flus? Kien hemm konsegwenzi għal din ir-rebħa?)

3. Taħseb li għandna nibqgħu niċċelebraw il-festi tar-raħal? **Iddiskuti**.

   (L-għan ta' dan il-komponiment hu li tagħti argumenti. Meta niċċelebrawhom il-festi? Liema tradizzjonijiet hemm marbuta mal-festi? X'taħseb li hu s-sabiħ tal-festi? X'taħseb li hu l-ikrah tal-festi? Għaliex taħseb hekk? Taħseb li l-festi għandna nibqgħu niċċelebrawhom kif inhuma? Għaliex? Taħseb li għandna nbiddlu xi ħaġa mill-mod kif niċċelebrawhom?)

Ikteb x'għażilt: ___

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

IT-TIENI TAQSIMA: IL-LETTERATURA (30 MARKA)

2A. Ir-Referenza għall-Kuntest (Poeżija)

10 marki

Aqra sewwa din il-poeżija bl-isem ta' *Matul is-Snin tal-Ħajja* ta' Ġużè Chetcuti u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

Matul is-snin tal-ħajja
triq watja ma nsibux,
jo' 'l fuq inkella 'l isfel,
fejn sejra ma nafux:

Jo' 'l fuq mat-telgħa twila
maħqura w għajjenin,
jew 'l isfel, niġru 'l isfel,
nitgerbbu fuq xulxin.

U tlajja', nżul u tlajja',
li tħoss, ma tafx x'inhu:
fuq rasna sħab tax-xita,
il-blu, għidu fejn hu?

Mistoqsijiet.

1. F'din il-poeżija l-poeta jitkellem dwar it-tlajja' u l-inżul tal-ħajja. X'taħseb li jrid ifisser meta jgħid li l-ħajja kollha tlajja' u nżul?

   _____

   _____

   _____ (2 marki)

2. Fit-tieni strofa naqraw "maħqura w għajjenin" (v.6). Għal min qed jirreferi l-poeta?

   - Għall-bnedmin ☐
   - Għat-telgħa ☐
   - Għall-poeta ☐ (marka)

3. Fl-aħħar strofa l-poeta jsemmi "fuq rasna sħab ta' xita" (v.11). X'taħseb li jrid ifisser il-poeta b'dan il-vers?

_____

_____

_____ (2 marki)

4. L-istrofi ta' din il-poeżija jissejħu_____ (marka)

5. Liema **żewġ** kelmiet jirrimaw f'din l-istrofa? (2 marki)

Matul is-snin tal-ħajja
triq watja ma nsibux,
jo' 'l fuq inkella 'l isfel,
fejn sejra ma nafux:

6. X'tissejjaħ il-mistoqsija li nsibu fl-aħħar vers? (2 marki)

2B. Il-Poeżija minn *Nadriet 3*

10 marki

Wieġeb fil-qosor.

1. Fil-poeżija "**Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti**" ta' Ġorġ Borg:

   i. min ma jeżistix għall-bejjiegħ tal-gazzetti?

   _____ (marka)

   ii. għaliex?

   _____

   _____ (marka)

2. Mill-istrofa li ġejja meħuda mill-poeżija "**Waħdi**" ta' Rużar Briffa, sib personifikazzjoni. (2 marki)

'Mma fil-ħarba tas-snin twal
tbiddlu d-dwal ...
kollox jagħti fis-sewdieni ...
aktarx tinsa l-lewn ewlieni ...

Personifikazzjoni:

_____

3. Fil-poeżija "**Ħabbata**", lejn xiex xtaq jerġa' jmur lura Marjanu Vella u x'sab fl-aħħar?

_____

_____

_____ (2 marki)

4. Minn din l-istrofa tal-poeżija "**Waħdi**" ta' Dun Karm sib, eżempju ta' similitudni. (2 marki)

Ħassejt demgħa titgerbeb fuq wiċċi,
Demgħa taħraq daqs xrara tan-nar!
Bla magħruf dak il-hena minn fuqi
Bħala nefħa ta' riħ għadda u mar.

Similitudni:

_____

5. Fil-poeżija "**Pitirross**" ta' Victor Fenech, f'liema żmien jiġi kull sena l-pitirross u għal liema raġuni jiġi?

_____

_____

_____ (2 marki)

2Ċ. In-Novelli minn *Stejjer għal Qabel Jidlam*

10 marki

i. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha b'rabta ma' novella tal-għażla tiegħek minn dawn li ġejjin:**

- Meta Dħalt fl-Isqaq
- Sold għall-Ħamiem, Sinjur!
- Ir-Raġel tal-Klieb
- It-Tifel tal-Baħar
- L-Ewwel Telefonata
- Il-Festa tan-Nar
- Barabba
- Sitt Xhur Mhuma Xejn
- It-Tabib ta' Nhar ta' Sibt



1. Min hu l-karattru l-iktar importanti f'din in-novella?

   _____ (marka)

2. Semmi esperjenza **pożittiva** li kellu dan il-karattru fin-novella.

   _____

   _____ (2 marki)

3. Semmi esperjenza **negattiva** li kellu dan il-karattru fin-novella.

   _____

   _____ (2 marki)

ii. **Agħżel novella OĦRA differenti minn dik li użajt f'Taħriġ (i) u wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin.**

Ikteb **5 sentenzi** dwar x'tagħlima tagħtina n-novella magħżula. X'tgħallimt minn din in-novella u għaliex? (5 marki)

1. _____

_____

2. _____

_____

3. _____

_____

4. _____

_____

5. _____

_____

Tmiem il-Karta